**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1067/2003 AF**

**Sandro Scerri**

**vs**

**Simon Darmanin**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni ta' Sandro Scerri li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Fit-3 ta' Dicembru 2001 gewwa Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, waqt li l-konvenut Simon Darmanin kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAI 982, habat gol-mutur numru ta' registrazzjoni KLX 651 misjuq mill-attur u proprjetà tieghu stess.

Ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut Simon Darmanin stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

L-attur sofra danni konsiderevoli fil-mutur u griehi serji b'rizultat ta' l-istess incident.

Simon Darmanin gie interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kagunati u rizultanti mill-imsemmi incident izda xorta wahda baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kien Simon Darmanin unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi b'rizultat ta' l-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Dicembru, 2001;

2. Tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi li l-attur sofra dizabilità permanenti b'rizultat tal-griehi gravi kkagunati lilu fl-incident in kwistjoni u tiddetermina l-persentagg ta' din id-dizabilità;

3. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu;

4. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fil-mutur tieghu;

5. Tikkundanna lil Simon Darmanin ihallas lill-attur l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjez u interessi legali ikkalkolati mid-data ta' l-ittra ufficcjali datata 25 ta' Awwissu, 2003, komprizi dawk ta' l-istess ittra ufficcjali tal-25 ta' Awwissu, 2003, kif ukoll ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma' dina c-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Mejju 2007, din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Avukat Dottor (illum Maġistrat) Yana Micallef Stafrace bħala espert tat-traffiku.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tat-traffiku.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Ġunju 2009 li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Settembru 2012 fejn ġie deċiż illi l-konvenut Simon Darmanin ma kienx ġie debitament notifikat biċ-ċitazzjoni 1067/2003 u li konsegwentement, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009 hija nulla u bla effett għall-finijiet kollha tal-liġi. Għalhekk, il-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex issir id-debita notifika u l-każ jiġi trattat u deċiż fil-mertu skont il-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Simon Darmanin, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponent jecepixxi d-dezerzjoni tal-kawza odjerna stante li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt (6) xhur kif preskritt fl-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-esponent Simon Darmanin gie notifikat bic-citazzjoni sahansitra aktar minn ghaxar snin wara d-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent Simon Darmanin izda sehh unikament bi htija tal-istess rikorrent.

Ghalhekk, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent ghandhom jigu rigettati wkoll stante li, fejn jirrigwarda l-esponent Simon Darmanin, m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entità tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

Il-hames talba tar-rikorrent ghandha wkoll tkun michuda billi l-esponent Simon Darmanin m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi u bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat is-sentenza preliminari tas-7 ta' Ottubru 2014 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' April 2015 ġie nominat il-kirurgu ortopediku Massimo Abela bħala espert mediku.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident stradali li seħħ dakinhar tat-3 ta' Diċembru 2001 u konsegwentament, tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni lill-attur.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fit-3 ta' Diċembru 2001 seħħ inċident stradali ġewwa Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun. Involuti f'dan l-inċident kien hemm l-attur li kien qiegħed isuq mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni KLX 651 u l-konvenut li kien qiegħed isuq il-vettura ossia *scammel* bin-numru ta' reġistrazzjoni DAI 982.

L-inċident seħħ meta l-attur li kien qiegħed isuq lejn id-direzzjoni ta' Wied il-Għajn, ħabat mal-konvenut li kien qiegħed isuq fid-direzzjoni opposta, jiġifieri lejn iż-Żejtun, waqt li dan tal-aħħar kien qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass sabiex

jaqbeż vettura *tractor*, li kien qiegħed jinstaq quddiemu. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi fuq il-persuna tiegħu konsistenti fi ksur tal-għadma qrib l-ispalla tal-lemin, kif ukoll ħsara fil-mutur li kien proprjeta personali tiegħu. L-espert mediku mahtur mill-Qorti sab illi konsegwenza tal-inċident, l-attur sofra diżabilità permanenti ta' wieħed fil mija (1%).

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 imbagħad jgħid espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (Artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (Artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1033, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar, deċiża fis-6 ta' Novembru 1998:

> "*Huwa ndubitat li l-konvenuta, kif jissottometti l-attur, kienet obbligata żżomm a proper look out, speċjalment fi triq bħal din in kwistjoni. Infatti, fis-sentenza ferm studjata fl-ismijiet* ***Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et****, (Vol. XLVI.I.112), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha l-okkażjoni tgħid li "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċideni ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħalma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolati bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti oħra kontinġenti u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dik li komunement*

*tissejjaħ a reasonable look out, liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli..."*

Fil-kawża fl-ismijiet John Soler et vs Claire Gové et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Ottubru 2003 qieset illi:

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road."*

Proprju dwar manuvra ta' sorpass, fil-kawża fl-ismijiet Elmo Insurance Ltd et vs Wagdi Ben Hamed et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 t'April 2017, intqal hekk:

*"Illi Charlesworth fit-test "The Law of Negligence", pp. 78-79, 2nd edition, jgħid illi:*

*"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so... A driver should not overtake at a corner or bend ... or at cross-roads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic".*

*U Gibb, fit-test "Trial of Motor Car Accident Cases", para. 77 u 78, jgħid:*

*"He should wait for a suitable opportunity before attempting the passage, and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety...""*

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet Alan Busuttil et vs Raymond Farrugia, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 t'Ottubru 2011 fejn intqal hekk:

*"Il-konvenut li ried jissorpassa t-trakk wieqaf biex ikun jista' jikser max-xellug ma kellux xi brevett ta' immunita semplicement ghax kellu trakk wieqaf quddiemu. Hu minnu li ried isir is-sorpass izda biex isir dan is-sorpass il-konvenut refa' fuqu l-obbligu, li jiddetermina li jista' bi prudenza u ghaqal, jibda, jkompli u jittermina l-manuvra tieghu bla xkiel jew periklu ghal utenti ohra tat-triq. Kif qalet il-Qorti fil-kawza Michael Balzan vs Lawrence Ciantar (App Civ 17.02.2006):*

*Huma principji maghrufa li...Kull sewwieq ghandu jzomm proper look out u r- responsabbilta` ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta' impatt.*

*Il-'proper look out' hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara izda s-sewwieq irid ikollu "an awareness of his immediate vicinity" u cioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares 'il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod (Ara wkoll P. Spiteri v. R. Caruana App 5/10/98; Maria Vella Galea v. Oreste Sammut App 5/10/98; Dr. Remigio Zammit Pace v. C. Grima App Inf. 16/5/97; A Gatt v. M. Shephard App Inf 7/5/98). Ghalhekk kull driver irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontigenti (Ara Vol XLVI pI p112). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.*

*In oltre il-Qorti fil-kawza Hugh Zammit nomine vs Keith Farrugia (28.06.2001) f'materja ta' sorpass qalet hekk:*

*"f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a*

*bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti". Meta wiehed jaghmel surpass dan ghandu jiehu r-responsabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l- ohra tal-istess triq, tant li f'certu cirkostanzi fuq elenkati fil-Highway Code, u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li tigi ttentata l-istess manuvra. Fil-fatt f'kaz ta' dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli.""*

L-attur jippremetti li għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta l-istess konvenut kien qiegħed jesegwixxi manuvra ta' sorpass u daħal fil-karreġġjata tiegħu. Skont l-attur, it-triq in kwistjoni ġejja ftit għad-dawra u eżatt kif skorra d-dawra sab il-vettura misjuqa mill-konvenut aktar minn nofsha fuq il-karreġġjata tiegħu. Jgħid illi sabiex jipprova jevitah, kiser lejn il-lemin u ċioè billi daħal hu fil-karreġġjata opposta iżda l-impatt seħħ xorta waħda. Din hija l-istess verżjoni li l-attur kien ta lill-pulizija dakinhar tal-inċident.

Il-konvenut jeċċepixxi li għall-inċident jaħti l-attur li daħal fuq il-karreġġjata tiegħu. Huwa jeċċepixxi wkoll illi l-entità tad-danni allegati mill-attur hija kontestata u li l-attur għandu jagħmel prova tad-danni skont il-liġi. Fid-dikjarazzjoni li rrilaxxa lill-pulizija dakinhar tal-inċident, il-konvenut qal li kif kien qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass sab il-mutur misjuq mill-attur quddiemu u għalkemm ipprova jevitah billi jikser fuq il-lemin, u ċioè billi jidħol fil-karreġġjata opposta, ma rnexxilux, u l-impatt seħħ xorta waħda.

L-ufficcjal tal-pulizija li acceda fuq il-post dakinhar tal-inċident, PS 359, dehrlu li ż-żewġ sewwieqa kienu fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u allura li kellhom jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom it-tnejn. Madanakollu, jekk qattx ittieħdet azzjoni kriminali u x'kien l-eżitu ta' dawn il-proċeduri ma jirriżultax mill-atti tal-kawża.

Kemm fid-dikjarazzjoni li rrilaxxa lill-pulizija dakinhar tal-inċident, kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti, is-sewwieq tat-*tractor* Joseph Bonnici stqarr illi dakinhar ma rax l-impatt iseħħ imma ra biss lill-attur jitgerbeb mal-art quddiemu.

Is-segwenti mhumiex kontestati mill-partijiet:

i. Dak il-ħin tal-inċident il-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu *parallel* mat-tractor in kwistjoni u ċioè kien qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass;

ii. Dakinhar tal-inċident il-viżibiltà kienet tajba;

iii. Il-vetturi involuti ma kienux qegħdin isuqu b'veloċità qawwija.

L-Artikolu 181 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq jipprovdi hekk:

> "*Qatt taqla' vettura oħra qabel ma tkun ċert li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddieħor....*"

L-Artikolu 185 imbagħad jipprovdi hekk:

> "*Taqlax vetturi oħra:*
>
> - *fejn it-triq tidjieq;*
> - *meta biex taghmel hekk iggieghel vettura ohra tohrog minn triqitha jew tnaqqas il-velocità;*
> - *meta ma jkunx hemm spazju bizzejjed u fejn il-vizibiltà ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu;*

- *meta jkun hemm hafna vetturi wara xulxin quddiemek jew xi vettura li hi stess tkun digà qed taqla' jew li meta taqla' vettura ohra jkun perikoluz jew diffikultuz ghal dak il-hin."*

Fid-dawl tal-fatt illi l-partijiet ma jaqblux fil-verżjonijiet tagħhom dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni, jeħtieġ illi l-Qorti tanalizza l-provi miġjuba a bażi ta' kriterji oġġettivi bħalma huma r-regolamenti tat-traffiku kif ukoll il-konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda sabiex tiddetermina l-kawża prossima li wasslet għall-inċident.

Wara li evalwat il-provi kollha prodotti, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha titbiegħed mill-konklużjonijiet tal-espert tat-traffiku u mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta.

Huwa ċar illi kif tajjeb tispjega l-espert tat-traffiku, l-inċident in kwistjoni seħħ meta l-konvenut kien qiegħed fuq il-karreġġjata opposta waqt li jitttenta jissorpassa *tractor* u b'hekk kien qiegħed jostakola l-karreġġjata tal-attur li da parti tiegħu għalkemm ipprova jieħu *evasive action* sabiex jevita l-inċident, ma rnexxilux u b'hekk seħħ l-impatt.

Mingħajr l-iċken dubju, manuvra ta' sorpass għandha ssir bl-akbar kawtela u attenzjoni. Is-sewwieq sorpassanti għandu jara li mhuwiex ser ikun ta' periklu għas-sewwieqa l-oħra u b'mod speċjali għandu jara li ma jkunux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta jekk ser jinvadi l-karreġġjata tagħhom. Is-sewwieq ta' vettura mhux biss irid joqgħod attent li mhumiex ġejjin vetturi qabel jagħmel manuvra fit-triq, imma wkoll li ma jkunx ġej xi mutur illi huwa iżgħar u aktar diffiċli biex sewwieq jarah. Hija r-responsabbiltà ta' kull sewwieq li jżomm *a proper lookout*, speċjalment meta jkun qiegħed jagħmel manuvra perikoluża u riskjuża bħal ma hija dik ta' sorpass.

Skont il-konvenut, kien hemm bizzejjed spazju sabiex waqt li qed jissorpassa t-*tractor,* fil-karreġġjata joqgħodu ħdejn xulxin il-vettura tiegħu, li wieħed irid iżomm f'moħħu li kien *scammel*, u dan it-*tractor*, mingħajr ma kellu għalfejn jaqbeż il-linja medjana. Din il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen din il-verżjoni

tal-konvenut li fuq kollox lanqas hija korroborata mill-*isketch* tal-pulizija. Fil-fatt, il-konvenut stess ammetta quddiem il-Qorti li l-inċident seħħ kif '*erġajt ħa nidħol fis-side tiegħ*i.' Jista' jkun illi huwa veru li t-triq in kwistjoni hija pjuttost wiesa, u allura jista' jagħti l-każ li t-traffiku xorta setgħu jgħaddu lejn Wied il-Għajn wara li seħħ l-inċident u qabel ma ċaqalqu l-vetturi, iżda ma jfissirx b'daqshekk li l-konvenut ma kienx invada l-karreġġjata tal-attur b'mod illi kkawża l-inċident.

Il-konklużjoni ma tistax ma tkunx ħlief li meta seħħ l-inċident, il-konvenut ma kienx qiegħed isuq fil-karreġġjata tiegħu. Dwar il-posizzjoni tal-attur dak il-ħin tal-impatt, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-attur ma kellu l-ebda raġuni għalfejn ikun fuq il-karreġġjata opposta ħlief għaliex kiser lejn dik id-direzzjoni biex jipprova jevita l-impatt. Kien proprju għalhekk li l-impatt seħħ man-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-konvenut.

Isegwi għalhekk illi l-ewwel talba tal-attur fis-sens illi l-konvenut għandu jiġi misjub responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża għandha tintlaqa'.

Jirriżulta mill-provi li kawża tal-inċident l-attur sofra ħsara kemm materjali konsistenti fi ħsara fil-mutur tiegħu kif ukoll debilità permanenti fuq il-persuna tiegħu. In materja ta' danni, artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> *"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

L-attur ippreżenta kopja ta' stima ta' ħsarat fuq il-mutur fl-ammont ta' Lm1813.75, illum €4224.90, eskluż VAT. Jgħid li l-mutur kien baqa' ma sewwiehx iżda kien biegħu għall-prezz ta' Lm800 meta kien xtrah madwar sena qabel l-inċident għall-prezz ta' Lm2800. Għalhekk, l-ammont komplessiv li tilef l-attur bħala danni konsegwenza ta' dan l-inċident qegħdin jiġu likwidati fl-ammont ta' €4224.90 bħala *damnum emergens*.

Skont Artikolu 1045, il-kwantifikazzjoni ta' danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2005, intqal hekk:

> "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*."

Id-diżabilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident ġiet stabbilita mill-perit mediku fir-rata ta' 1%. Ma jirriżultax illi dan ir-rapport ġie kontestat mill-partijiet u għaldaqstant, din il-Qorti sejra taddotta l-imsemmi perċentwali ta' 1% fil-kalkoli tagħha.

Fir-rigward tal-multiplier, f'każijiet bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti llum, normalment ma jsirx sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda l-multiplier irid jinkorpora ġo fih l-element ta' *chances and changes of life or vicissidtudes of life*. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Jannar 2016:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)."*

Hawnhekk issir riferenza għall-ġurisprudenza estensiva ta' dawn il-Qrati fir-rigward tal-komputazzjoni magħmula f'kawżi simili wara inċidenti li jinvolvu diżabilità permanenti bħalma hija dik fl-ismijiet Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deċiża fit-12 ta' Novembru 2012, fejn intqal illi '*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf min qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirriferu ghaliha tkun ta' utilità kbira.*' L-iskeda li ssir riferenza għaliha fis-sentenza ta' Saliba msemmija ġiet applikata f'numru ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal Godfrey Schembri vs Victor Portelli, deċiża fit-2 ta' Novembru 2009 u Alex Azzopardi vs Anna Ellul et, deċiża fl-20 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tapplika l-imsemmija skeda u fir-rigward tal-attur li f'dan il-każ kellu 23 sena fid-data tal-inċident, ser jiġi adoperat *multiplier* ta' 35 sena.

Fi żmien illi seħħ l-inċident, l-attur kien impjegat bħala suldat 'gunner' mal-armata. Fir-rigward tal-paga li kien jirċievi l-attur, jirriżulta li fis-sena 2002 li kienet is-sena ta' wara l-inċident, il-qligħ gross tal-attur kien ta' Lm4381, illum €10,204.98. L-attur ppreżenta wkoll kopji tal-FS3 għas-snin sussegwenti minn fejn jirriżulta li l-paga tiegħu kompliet tiżdied b'dan illi fis-sena 2016, il-qligħ tiegħu mix-xogħol *full-time* mal-armata kien ta' €21,385.97. Il-Qorti tqis illi huwa xieraq li f'dan il-każ il-komputazzjoni ssir fuq medja bejn il-paga tal-attur fi żmien l-inċident u din il-figura miżjuda b'€303.78 fis-sena għal 35 sena sabiex tagħmel tajjeb għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja u ċioè l-medja bejn €10,204.98 u €20,837.28 (€10,204.98 + €303.78 x 35) li jammonta għal €15,521.13. Din il-figura għandha tiġi adoperata bħala *multiplicand* li jipprovdi wkoll għall-għoli tal-ħajja.

L-attur jgħid ukoll li dak iż-żmien tal-inċident kien impjegat ukoll fuq bazi *part-time* bħala *waiter* minn fejn kien jaqla' madwar Lm100 fix-xahar. Skont l-attur, huwa ma setax ikompli f'dan ix-xogħol *part-time* wara l-inċident minħabba l-uġigħ fi spallejh. Madanakollu, jirriżulta li eventwalment reġa' qabad jaħdem *part-time* fejn kien jaqla' madwar €1000 fis-sena, u mhux Lm100 fix-xahar, u reġa' beda jaħdem mhux minħabba l-inċident, iżda fi kliemu stess, minħabba t-tfal. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex ser tqis ix-xogħol *part-time* tal-attur għall-finijiet ta' komputazzjoni ta' qligħ.

Finalment, nonostante illi l-attur ser ikun qiegħed jirċievi somma kapitali f'daqqa, tenut kont tal-fatt illi l-likwidazzjoni qiegħda ssir kważi sittax-il sena wara li ġiet intavolata l-kawża, u dan effettivament ifisser li l-konvenut żamm f'idejh u gawda flus li jmissu lill-attur għal kważi sittax-il sena, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ m'għandux isir tnaqqis bħala *lump sum deduction*.

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* kif ġej:

1% x 35 x €15,521.13= €5432.40

Meta ma' dan l-ammont jiġi miżjud l-ammont ta' €4224.90 bħala *damnum emergens* iwassal għall-ammont komplessiv ta' dan €9657.30 li għandu jħallas il-konvenut lill-attur in linea ta' danni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba b'dan illi tiddikjara li diżabilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident kienet ta' wieħed fil-mija (1%);

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fuq il-persuna tiegħu fl-ammont ta' ħamest elef, erba'

mija u tnejn u tletin Ewro u erbgħin centeżmu (€5,432.40);

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-mutur tiegħu fl-ammont ta’ erbat elef, mitejn u erbgħa u għoxrin Ewro u disgħin centeżmu (€4,224.90);

5. Tilqa’ l-ħames talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ disat elef, sitt mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tletin centeżmu (€9,657.30) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG